MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 813/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**SANDRO (ALEXANDER GEORGE) SCHEMBRI ADAMI ta' 48 sena, iben Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard nhar il-25.08.1963, residenti fil-fond numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 488 863M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **SANDRO (ALEXANDER GEORGE) SCHEMBRI ADAMI** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fi Frar tas-sena 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' tletin elf, mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin, u hamsin centezmu (Lm30,121.50), ghad-dannu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u tal-Gvern ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor.

Rat illi l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat li aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri ntbaghtu l-Artikolu minghand l-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':
L-Artikoli 18, 308, 309, 310, 30, 140, 141, 20, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat, moqrija l-Artikoli, ta l-kunsens tieghu ghal tali proceduri (folio 205);

Semghet it-trattazzonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi senjalament gew prezentati diversi cheques mahruga lill-imputat kemm mis-Sur Anthony Imbroll, Direttur Capital Transfer Duty Department, Inland Revenue Division. Dawn ic-cheques kienu flejjes migbura minn Nutar in kwantu …dovut fuq kuntratti minnhom ippubblikati. Dawn ic-cheques thallsu lid-Dipartiment in kwistjoni mill-imputat Dr Sandro Schembri Adami. Prezenta ghalhekk sbatax-il

cheque, Dok A1. Xehed Imbroll li dawn huma flejjes imhallsa mit-transfer ta’ kull kuntratt.
Ta’ dawn ic-cheques inhargu mid-Dipartiment l-ircevuti f’isem il-pagaturi, vide Dok AG folio 117, (vide folio 19, 22, 25, 29, 32, 35, 39, 42, 46, 52, 55, 58, 61, 67, 73). Ghandu jinghad ukoll illi d-Dipartiment accetta dawn il-pagamenti tramite cheques mahruga minn fuq kont ta’ l-imputat.

Gew ezebiti wkoll l-statements ta’ l-istess kont imsemmi mal-BOV li minnhom inhargu l-istess cheques (folio 76 et seq). Juri bic-car li dan il-business overdraft account gestit mill-imputat kien, minn Ottubru, 2004 sas-sena ta’ wara, dejjem ‘in debit’ b’mod qawwi (vide wkoll statements ezebiti bhala Dok BC folio 129 – 157).

Xehed ukoll Tarcisio Scicluna, direttur, Administration and Enforcement mill-Inland Revenue. Xehed dwar disa’ cheques li rcieva minghand l-imputat li ma gewx onorati. Ikkonferma li fuq dawn ic-cheques inhargu l-ircevuti relevanti, vide Dok JS 1 folio 165 – 170, u Dok JS 2 folio 169- 178.

Senjalament Dr Cora Vella, in-Nutar tal-Gvern, xehdet illi l-imputat kellu, fiz-zmien ta’ l-akkuza sa Novembru, 2005, il-warrant ta’ Nutar Pubbliku.

Xehed ukoll Roderick Abela in rapprezentanza tal-Bank of Valletta dwar ic-cheques mahruga mill-imputat, id-disgha msemmija lill-Inland Revenue, li nhargu mill-kont overdraft ukoll gia’ msemmi. Jghid illi dan l-overdraft kellu limitu ta’ Lm20,000.00.

Giet ezebita wkoll stqarrija rilaxxata mill-imputat fi stadju ta’ l-investigazzjoni. Ikkonferma li meta hareg ic-cheques lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni huwa kien jaf li ma kellux flus fil-kont, wiegeb illi dan ghamlu ghaliex ma kellux triq ohra stante li l-klijenti kienu qeghdin jigru warajh. Ammetta li fil-fatt il-klijenti in kwistjoni kienu fil-fatt ghaddewlu l-flus li suppost thallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Mistoqsi x’ghamel bil-flus, wiegeb illi uzahom ghal kuntratti ohra. Qal ukoll illi wasal ghal din is-sitwazzjoni minhabba nfieq enormi fil-politika.

Wara li rat ir-rikors tal-imputat fejn ippremetta u talab – u r-risposta tal-Ufficjal Prosekutur fejn qal.

Ghalhekk din il-Qorti, fil-waqt illi qed tichad it-talba tar-res judicata, anzi dik tan-ne bis in idem ghar-ragunijiet gia' premessi fir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll infatti l-istess, **qatt** ma giet pruvata bhala eccezzjoni mill-proponitur taghha, tilqa', wara li anke li rat li fuq hekk hemm qbil tal-partijiet, u l-verbal tas-seduta tal-lum, it-talbiet tad-Difiza li l-Qorti taghti sentenza wahda fiz-zewg kumpilazzjonijiet imsemmija, kif ukoll illi tapplika ghalihom l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Illi rat ghalhekk il-Qorti, l-Artikoli kollha mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

- L-Artikoli 18, 308, 309, 310, 30, 140, 20, 533, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ukoll dwar il-piena, stante li dawn il-kawzi t-tnejn gew ghal darba tnejn ammessi, illi l-imputat talab ukoll li jinghata piena karcerarja effettiva.

Ikkunsidrat:

Illi certament ex admissis l-imputat tramite l-professjoni tieghu, anke tali status allura jghin biex tinbena l-messa in scena necessarja biex jigi kkostitwit dan ir-reat, minhabba l-fiducja marbuta mal-professjoni ta' Nutar Pubbliku, huwa qarraq bil-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, u konsegwentement bil-Gvern ta' Malta. Kien ben konsapevoli l-istess Sandro Schembri Adami li darba li kien qieghed johrog il-flus, ic-cekkijiet minnu rilaxxati qatt ma kienu ser ikunu onorati. Kif ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna, mhux kull cheque mahrug minn kont li m'ghandux bizejjed flus biex jonora l-istess, jammonta ghal frodi. Jinhtieg kif gia' premess dak l-ingann, ir-raggiri, dawk il-kwalifiki foloz li jwasslu ghall-qerq in kwistjoni. Hija l-fehma tal-Qorti, li l-imputat minhabba l-professjoni tieghu, ikkrea dik l-aura ta' fiducja, ghalhekk il-messa in scena - dan meta kien ben

konsapevoli li tali cheques qatt ma setghu jigu onorati. Dan meta kien gia' qarraq bil-klijenti tieghu ghax flushom gew uzati ghall-ambizzjonijiet politici tieghu.
Tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, anke considerando l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu
bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni ta' Restituzzjoni tas-segwenti:

- €489.17 lil Mr John P Agius, 4, Triq it-Tigrija, Qasam Bini tal-Gvern, Marsa;
- €3,163.28 lil Class Properties Ltd, UB 13/14, Qasam Industrijali, San Gwann;
- €8,152.80 lil Mr Lawrence Pace ta' Anfield, 37, Triq V Menville, Swieqi;
- €4,647.09 lil Mr Francis Spiteri ta' 173, Triq il-Karmnu, Luqa;
- €5,870.01 lil Salvi Holdings Ltd ta' Salina Estates Ltd, Triq il-Musbieh, Naxxar;
- €2,445.84 lil Biedbug Development Ltd ta' 20, Triq il-Hlewwa, Zebbug;
- €4,891.68 lil Mr Vincent Pace ta' 16, Moonshadow, Buleben iz-Zghir, Zabbar;
- €244.58 lil Mr Alan Law ta' Prarie, Triq Leonardu Abela, Tarxien;

€3,261.12 lil Regent Co Ltd ta' La Palma, Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------